



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Settembru 2019
(OR. en)

11846/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0185(NLE)

MIGR 127
COEST 179

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Awwissu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 404 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 404 final.

Mehmuż: COM(2019) 404 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.8.2019
COM(2019) 404 final

2019/0185 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr
awtorizzazzjoni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fil-kuntest tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Mejju 2009, l-UE affermat mill-ġdid l-appoġġ politiku tagħha għal-liberalizzazzjoni sħiħa tar-reġim tal-viżi f'ambjent sikur, u għall-promozzjoni tal-mobilità, billi jiġu konklużi l-ftehimiet dwar l-iffaċilitar tal-viżi u dwar ir-riammissjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. Skont l-approċċ komuni għall-iżvilupp ta' politika tal-UE dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi li ġie miftiehem fil-livell ta' COREPER mill-Istati Membri f'Diċembru 2005, ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi ma jiġix konkluż mingħajr ma jkun hemm fis-seħħ ftehim ta' riammissjoni.

Abbażi ta' dan, fit-12 ta' Novembru 2010 il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni lill-Kunsill bil-ħsieb li jinkisbu direttivi biex jiġu nnegożjati Ftehimiet mar-Repubblika tal-Belarusija dwar, rispettivament, il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir, u r-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill awtorizza formalment lill-Kummissjoni biex tinnegożja ftehim ta' riammissjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Belarusija.

In-negożjati tnedew formalment fl-30 ta' Jannar 2014 u l-ewwel ċiklu ta' negożjati formali sar f'Minsk fit-13 ta' Ġunju 2014. Wara kien hemm tliet ċikli ta' negożjati l-ewwel fi Brussell fil-25 ta' Novembru 2014 imbagħad fil-11 ta' Marzu 2015 u fl-20 ta' Ġunju 2017 f'Minsk. In-negożjaturi ewlenin inizjalaw it-test tal-ftehim fl-17 ta' Ġunju 2019 permezz ta' skambju ta' posta elettronika.

Sadanittant, il-Belarusija, l-Unjoni Ewropea u seba' Stati Membri parteċipanti (il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Litwanja, il-Polonja, l-Ungerija, il-Finlandja u l-Latvja) iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta dwar Sħubija għall-Mobbiltà fit-13 ta' Ottubru 2016.

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fl-istadji kollha (informali u formali) tan-negożjati tar-riammissjoni.

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill fl-istadji kollha tan-negożjati. L-abbozz finali tat-test tal-Ftehim ġie kondiviż mal-Konsulenti tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (il-Migrazzjoni, l-Integrazzjoni u l-Esplusjoni) u approvat, permezz tal-proċedura ta' silenzju, fit-12 ta' April 2019.

Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew ġie infurmat dwar il-konklużjoni tan-negożjati kemm dwar il-Ftehimiet ta' Faċilitazzjoni tal-Viża u ta' Riammissjoni, permezz ta' ittra mibgħuta mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni lill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern. Ġew annessi l-abbozz tat-testi taż-żewġ Ftehimiet.

Id-deċiżjoni proposta rigward il-konklużjoni tippreżenta l-arranġamenti interni neċessarji għall-applikazzjoni Prattika tal-Ftehim. B'mod partikolari, tispeċifika li l-Kummissjoni, meġhuna minn esperti mill-Istati Membri, jirrappreżentaw lill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni stabbilit bl-Artikolu 19 tal-Ftehim.

Il-proposta meħmuża tikkostitwixxi l-istrumenti legali għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Kunsill se jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

2. L-GĦAN U L-KONTENUT TAL-FTEHIM

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni (minn issa 'il quddiem: "il-Ftehim") għandu l-

għan li jistabbilixxi proċeduri rapidi u effettivi għall-identifikazzjoni u r-ritorn sikur u ordnat ta' persuni li ma jissodisfawx, jew li ma jkunux għadhom jissodisfaw, il-kundizzjonijiet ta' dħul, preżenza jew residenza fit-territorju tal-Belarużja jew xi wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u biex jiffaċilitaw it-tranżitu ta' dawn il-persuni fi spirtu ta' kooperazzjoni,

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-oġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' nnegożjar tiegħu ntlaħqu, u li l-abbozz tal-Ftehim ta' Riammissjoni huwa aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut finali ta' dan il-Ftehim jista' jinġabar fil-qosor kif ġej:

- Il-Ftehim hu maqsum fi tmien (8) taqsimiet b'total ta' 24 artikolu. Il-Ftehim fih ukoll seba' (7) annessi, li jiffurmaw parti integrali minnu, u ħames (5) dikjarazzjonijiet konġunti.
- Il-Ftehim fih klawżola ta' ftuħ, li tirriafferma li l-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod li jiġi assigurat ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u għall-obbligazzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Istat Rikjest u tal-Istat Rikjedenti taħt strumenti internazzjonali rilevanti applikabbli għalihom, u jtenni li l-Istat Rikjest għandu jiżgura b'mod partikulari l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni riammessi fit-territorju tiegħu f'konformità ma' daww l-istrumenti internazzjonali.
- L-obbligi ta' riammissjoni stipulati fil-Ftehim (mill-Artikolu 3 sa 6) huma mfassla b'mod kompletament reċiproku, u jinkludu ċ-ċittadini proprji (l-Artikoli 3 u 5) kif ukoll ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi (l-Artikoli 4 u 6).
- L-obbligu li pajjiż jilqa' lura li-ċittadini proprji jinkludi wkoll lil daww li kienu ċittadini proprji li kienu ġew imċaħħda miċ-ċittadinanza tagħhom, jew li jkunu rrinunzjawha, mingħajr ma jkunu jiksbu ċ-ċittadinanza ta' Stat ieħor.
- L-obbligu ta' riammissjoni fir-rigward ta' ċittadini proprji jkopri wkoll lill-membri tal-familja (jiġifieri l-konjuġi u l-ulied minorenni mhux miżżewġa) indipendentement miċ-ċittadinanza tagħhom u li ma jkollhomx dritt indipendenti ta' residenza fl-Istat Rikjedenti.
- L-obbligu li jkunu riammessi ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi (l-Artikoli 4 u 6) huwa marbut mal-prerekwiżiti li ġejjin: (a) il-persuna kkonċernata jkollha, fil-mument tad-dħul, jew permess ta' residenza maħruġ mill-Istat Rikjest jew viża valida maħruġa mill-Istat Rikjest flimkien ma' prova ta' dħul fit-territorju tal-Istat Rikjest; jew (b) il-persuna kkonċernata tkun daħlet illegalment u direttament fit-territorju tal-Istat Rikjedenti wara li tkun qagħdet, jew għaddiet minn, it-territorju tal-Istat Rikjest. Tali obbligu ta' riammissjoni ma japplikax fir-rigward ta' persuni li kienu biss fi tranżitu bl-ajru jew li tkun inħarġitilhom viża jew permess ta' residenza mill-Istat Rikjedenti sakemm i) il-viża jew il-permess ta' residenza, maħruġa mill-Istat Rikjest ma jkollux perjodu ta' validità itwal, ii) il-viża jew il-permess ta' residenza maħruġ mill-Istat Rikjedenti jkun inkiseb b'mod frodulent jew iii) dik il-persuna tonqos milli tosserva xi kundizzjoni marbuta mal-viża.
- Fil-każ ta' persuni ta' ċittadinanza proprja, jekk ikun skada l-perjodu definit, kif ukoll fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi, il-Belarużja taċċetta l-użu tad-dokument Ewropew tal-ivjaġġar għar-ritorn (Artikoli 3(5) u 4(3)). Id-dokument standard ekwivalenti tar-Repubblika tal-Belarużja huwa inkluż fl-Anness 7.
- It-Taqsim III tal-Ftehim (l-Artikolu 7 sa 13 flimkien mal-Annessi 1 sa 5) fiha d-dispożizzjonijiet tekniċi meħtieġa dwar il-proċedura ta' riammissjoni (applikazzjoni għal riammissjoni, mezzi ta' provi, limiti taż-żmien, modalitajiet tat-trasferiment u

modi tat-trasport) u dwar “riammissjoni bi żball” (l-Artikolu 13). Xi flessibilità proċedurali tiġi pprovduta mill-fatt li l-ebda applikazzjoni għal riammissjoni ma tkun meħtieġa f’każijiet fejn il-persuna li għandha tkun riammessa jkollha dokument għall-ivvjaġġar validu (l-Artikolu 7(2)).

- Fl-Artikolu 7(3), il-Ftehim jistabbilixxi l-hekk imsejħa proċedura aċċellerata li ntlaħaq ftehim dwarha għal persuni li jkunu nqabdu f’żona li testendi sa 30 kilometru mill-fruntiera komuni fuq l-art bejn Stat Membru u l-Belarużsja, kif ukoll fi ħdan it-territorju tal-ajruporti internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Belarużsja. Skont il-proċedura aċċellerata, l-applikazzjonijiet għal riammissjoni jridu jiġu ppreżentati fi żmien (2) jumejn ta’ xogħol, u r-risposti jridu joħorġu fi żmien jumejn (2) ta’ xogħol, filwaqt li skont il-proċedura normali l-perjodu għar-risposti jkun ta’ għaxart (10) ijiem tal-kalendarju (l-Artikolu 11(2)).
- Il-Ftehim fih taqsima dwar operazzjonijiet ta’ tranżitu (l-Artikoli 14 u 15 flimkien mal-Anness 6).
- L-Artikoli 16, 17 u 18 fihom ir-regoli meħtieġa dwar il-kosti, il-protezzjoni tad-*data* u r-rabta ma’ obbligi oħra internazzjonali.
- Il-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni se jkun magħmul, u se jkollu d-dmirijiet u s-setgħat, kif inhu stabbilit fl-Artikolu 19.
- Sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim, l-Artikolu 20 joħloq il-possibbiltà għall-Belarużsja u għall-Istati Membri individwali li jikkonkludu Protokoll bilaterali ta’ implimentazzjoni. Ir-rabta bejn ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew arranġamenti u dan il-Ftehim hija kkjarifikata permezz tal-Artikolu 21.
- Id-dispożizzjonijiet finali (l-Artikoli 22 sa 24) fihom ir-regoli meħtieġa dwar l-applikazzjoni territorjali, id-dħul fis-seħħ, il-perjodu ta’ validità, t-terminazzjoni, l-emendi possibbli, is-sospensjoni, it-tmiem u l-istat legali tal-annessi tal-ftehim.
- Is-sitwazzjoni speċifika tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq hija riflessa fil-preambolu, fl-Artikolu 1(d), fl-Artikolu 22(2) u, fir-rigward tad-Danimarka, f’dikjarazzjoni konġunta rilevanti. L-assoċjazzjoni mill-qrib tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-Acquis ta’ Schengen ittieħdet f’kunsiderazzjoni, u hija riflessa f’dikjarazzjoni konġunti rilevanti mal-Ftehim.

3. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta qiegħda tiġi ppreżentata lill-Kunsill sabiex jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim.

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta huwa l-Artikolu 79(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), meħud flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Mhux applikabbli.

• Proporzjonalità

Il-proposta attwali ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv segwit, jiġifieri l-konklużjoni ta’ ftehim internazzjonali dwar ir-riammissjoni ta’ persuni li jkunu qegħdin jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma tinvolvix spejjeż addizzjonali għall-baġit tal-UE.

5. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u tawtorizza lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill biex jistabbilixxi l-istrument rispettiv ta' setgħat sħaħ.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(3), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Frar 2011 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni ("il-Ftehim") permezz ta' skambju ta' posta elettronika fis-17 ta' Ġunju 2019.
- (2) Fil-kuntest tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Mejju 2009, l-UE affermat mill-ġdid l-appoġġ politiku tagħha għal-liberalizzazzjoni sħiħa tar-reġim tal-viżi f'ambjent sikur, u għall-promozzjoni tal-mobilità billi jiġu konklużi l-ftehimiet dwar l-iffaċilitar tal-viżi u dwar ir-riammissjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.
- (3) L-iskop tal-Ftehim huwa dak li jiġu stabbiliti proċeduri rapidi u effettivi għall-identifikazzjoni u r-ritorn sikur u ordnat ta' persuni li ma jissodisfawx, jew li ma jkunux għadhom jissodisfaw, il-kundizzjonijiet ta' dħul, preżenza jew residenza fit-territorju tal-Belarussja jew f'xi wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u biex jiffaċilitaw it-tranżitu ta' dawn il-persuni fi spirtu ta' kooperazzjoni,
- (4) Skont [l-Artikoli 1 u 2] l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll,] ir-Renju Unit [mhux qiegħed jieħ u sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhux se jkun marbut biha u lanqas suġġett għall-applikazzjoni tagħha [sakemm ma jinnotifikax ix-xewqa tiegħu f'dak is-sens skont dak il-Protokoll] / innotifika [, permezz ta' ittra bid-data ...,] ix-xewqa tiegħu li jieħ u sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni].
- (5) Skont [l-Artikoli 1 u 2] l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-istess Protokoll] l-Irlanda [mhux qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhux se tkun marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha [sakemm ma tinnotifikax ix-xewqa tagħha

f'dak is-sens skont dak il-Protkoll] / innotifikat [, permezz ta' ittra bid-data ...,] ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni].

- (6) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ffirmat il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, u li d-Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża mal-Ftehim jiġu approvati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarużja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tat-tali Ftehim¹.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni Konġunta meħmuża mal-Ftehim għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, suġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna(i) indikata(i) min-negozjatur tal-Ftehim.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għal Kunsill
Il-President*

¹ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.